# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



X'munqar dak!

BirdLife MALTA



Għansar

**Jekk tħobb l-għasafar**




**dal-ktieb għalik!**

Klabb Ħuttaf

Numru 64 Settembru - Ottubru 2004






# Ħbieb Ħuttaf...

## x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| brimba oħra | 5 |
| kompetizzjoni 64 | 5 |
| tromba @ | 6 |
| sittsaqajn | 6 |
| gallarija | 7 |
| is-Sfinks | 7 |
| Falko | 8 |
| ktieb ġdid | 9 |
| ħarġa... | 9 |
| djarju berdwoċer | 10 |
| poeżija | 10 |
| midd idejk | 11 |





Ftit ilu kont qed nara magażin tal-kunsill lokali, u sibti paġna bir-ritratti QABEL u WARA biex juruk kemm il-kunsill ikun ħadem u sebbaħ il-lokalità.

Ritratt kien juri rokna kollha skart, ħmieġ u telqa u fuqu miktub QABEL. Ħdejh ritratt ieħor juri l-istess rokna nadifa u pulita b'xi skip fil-ġenb, u fuqu miktub WARA.

Ritratt ieħor kellu triq kollha ħofor u tumbati = QABEL; ħdejh l-istess triq b'tarmak ġdid = WARA.

Imbagħad rajt ritratt li kien juri triq fil-kampanja bil-ġnub kollha busbież, lellux, peprin u ġarġir, insomma splużjoni ta' fjuri, u fuqu l-kelma QABEL. Fir-ritratt ta' ħdejh: ġenb ta' triq qisu fis-Sahara Desert, bil-kelma WARA! Għall-ewwel ħsibtu żball, imbagħad bdejt inħabbat rasi mal-mejda...

Għax ma kien żball xejn - il-kunsill kien qaxxar dak il-ġmiel ta' pjanti għax ħaseb li b'daqshekk "naddaf" it-triq. U wisq naħseb li ħafna kunsill lokali fil-Gżejjer Maltin ukoll jirraġunaw hekk. Ħafna nies jaħsbu li jekk pjanta ma jkunux ħawluha huma, mela dik il-pjanta mhux postha hemm, u trid tinqala' għax tagħmel ikrah. Biex tkun tajba trid tkun xtrajtha minn ħanut tal-ġonna u ħawwiltha. Dak li kiber waħdu kollu ħaxix ħażin. Intom hekk tirraġunaw, ħbieb Ħuttaf? Nispera li le...

Kif tista' tħares lejn il-ġmiel u taħsbu ħmieġ? In-natura tipprova tgħallimna s-sbuħija u l-varjetà, u aħna naħsbuha skart u neqirduha. Meta nkun qed insuq u nara dawk l-irġiel ibexxu l-velenu fuq il-fjuri tal-ħubbejż u l-leblieb u l-fidloqqom, inkun irrid nagħlaq għajnejja - imma ma nkunx nista', għax inkella nikkraxxja...

Tgħid xi darba din il-gwerra kontra l-pjanti għad tieqaf?




**Victor Falzon** l-editur


Desirée Falzon

L-**għansar** (seaside squill) hija pjanta li fix-xitwa tkun bil-weraq biss u fis-sajf tkun bil-fjuri biss! F'Malta hija pjanta komuni fix-xagħri, imma dil-ħarifa naħseb kienet sena rekord għall-għansar, għax kull roqgħa x-xagħri kien invażata bihom.


### kumitat klabb ħuttaf

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Bigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Ottubru 2004
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Ritratti tal-faċċata: **għansar** - Desirée Falzon; **xifa** - Charles Gauci
Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-tmintax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

Dak ir-ritratt meħud l-Għadira, ħbieb! U dik il-brimba kienet ftit ikbar minn dubbiena!




# Għawdex il-mira...

Smajtu żgur bil-korsa tal-golf li riedu jibnu ħdejn ir-Rabat. Fl-aħħar smajna l-aħbar tajba li mhux se jagħtuhom permess.

Imma b'xorti ħażina, xi nies importanti xorta għadhom joħolmu biex f'Malta jibnu mhux korsa waħda imma żewġ korsi tal-golf. Qisu ma tantx jimporta li korsa tal-golf tieħu ħafna ħafna art. Jekk f'Malta għandna kollox, ħafna ħafna art żgur li m'għandniex! Fejn jaħsbu li qed ngħixu? Il-Kanada? Mhux hekk biss, imma waħda minn dawn il-korsi jriduha f'Għawdex! X'qed jaħsbuh Għawdex? New Zealand? U dejjem isemmu Ta' Ċenċ, Ta' Ċenċ...

U la semmejna lil Għawdex, qed nerġgħu nisimgħu li xi erba' mġienen li jħobbu proġetti kbar iridu jibnu ajruport f'Għawdex. Din mhix xi idea ġdida, anzi ħaġa li l-BirdLife u għaqdiet oħrajn diġà ġġieldu u pprotestaw fit-toroq kontriha fil-passat. (Il-Huttafa 7)

Għax bħall-korsa tal-golf, ajruport jieħu ħafna ħafna art...

## Darba mhux biżżejjed!

Fl-aħħar harġa tal-magażin ġibna li par **ħuttaf** bejtu fil-Buskett. Dak l-istess par, wara li kibrulhom il-frieħ u tgħallmu jtiru, reġgħu biedu u reġgħu rabbew familja oħra! U t-tieni grupp kibru u taru wkoll. Kos, kieku f'Malta m'hawnx il-kaċċaturi li joqtlu kollox, kieku dawn l-affarijiet isiru ħaġa komuni, u lanqas biss nibqgħu nġibuhom fil-Huttafa :)



Il-kaċċaturi li qatlu lil ħuti ċ-**ċinji** f'Jannar 2002 fl-aħħar harġilhom il-kastig, u se jeħlu l-ħabs! Din kienet l-ewwel darba* fl-istorja ta' Malta li kaċċatur imur il-ħabs talli qatel għasfur. Ħaqqhom, forsi xi darba jitgħallmu jirrispettaw il-liġi.




# X'faqqgħa ta' Xifa!



Din ix-**xifa** (bl-Ingliż avocet) niżlet fir-riserva ta' l-Għadira fi 3 Ottubru 2004 u ġennet lill-berdwoċers kollha! Kull min kellu kamera ra kif għamel u niżel l-Għadira jipprova jiġbidilha ritratt. Dan t'hawn fuq ħadu Charles Gauci, u juri l-għasfur qiegħed jiekol. Dan l-għasfur għandu munqaru veru speċjali - milwi 'l fuq!

Ix-xifa kull sena jaraw xi waħdiet minnha l-berdwoċers, u għalhekk mhix meqjusa tajra rari. Imma s-soltu jarawha għaddejja ttir fuq il-baħar 'il barra mill-art, mhux tippassiġġa fl-ilmijiet ta' l-Għadira!

Tafu għaliex dan l-għasfur jgħidulu xifa? Għax XIFA tfisser ukoll biċċa għodda li juża l-iskarpan. Issa aqtgħu għaliex l-għasfur issemma għal din l-għodda!



*Jista' jkun li fi żmien il-Kavallieri xi nies intefgħu l-ħabs għax qatlu tajr li kien jikkaċċjah il-Gran Mastru u sħabu. Ed.






# Fokaċċa!

Fil-Kanada qed jerġgħu joqtlu l-foki bl-addoċċ. Dis-sena ha jkun rekord ta' qtil għal dawn l-aħħar 50 sena. Tafu kemm? **350,000 annimal**, l-aħwa!

L-iskuża hi li s-sajjieda qed igorru li ma baqax ħut fil-baħar. "Kollu tort tal-foki" qal wieħed sajjied "kilulna l-ħut kollu!"

Prosit għalina! Wara li s-sajjieda stess battlu l-baħar għax bdew jaqbdu ħut bla kontroll, issa qegħdin iwaħħlu fil-foka. U allura jridu joqtlu l-foki. Il-gvern Kanadiż ikkuntentahom, u tahom permess jagħmlu massakru sħiħ mill-foka ta' l-ispeċi Atlantic harp seal. Din miskina ma tafx tiddefendi ruħha, u toqgħod hemm fuq is-silġ tistenna l-mewt ġejja!

U s-sajjieda issa kuntenti, għax bil-ġlud tal-foki qed jagħmlu negozju kbir - ibigħuhom lill-fabriki tal-kowtijiet tal-fer, u jagħmlu kemxa flus.




# Sabu l-Piding!

Fuq il-gżira Calayan fil-Filippini, studjużi ta' l-għasafar għadhom kemm sabu speċi ta' għasfur ġdid. Huwa tip ta' gallozz li jgħix qrib ix-xmajjar fil-foresti, u mid-dehra ma jafx itir, jew bilkemm. Semmewh il-**Calayan rail** *Gallirallus calayanensis*. L-istudjużi stmaw li b'kollox hemm xi 200 par fuq il-gżira. In-nies ta' Calayan ilhom jafu bih dan l-għasfur, anzi għandhom isem għalih: piding. Imma għax-xjenza huwa ġdid.

Il-BirdLife International tittama li bis-saħħa ta' dan l-għasfur il-gżira Calayan u l-inħawi tal-viċin jingħataw protezzjoni speċjali. Dawn l-għasafar spiss jinqerdu bl-indħil tal-bniedem, speċjalment fejn jiddaħħlu qtates (li jattakkaw l-għasafar) u firien (li jiklulhom il-bajd u l-flieles).




# Rigali goffi mill-Botswana!

Il-Botswana huwa l-iktar pajjiż fl-Afrika li għandu iljunfanti - jistmaw li hemm mal-100,000 wieħed. Dan l-aħħar smajna li l-Botswana se tagħti 500 iljunfant lil pajjiż ieħor fl-Afrika, il-Mozambique. Dawn l-iljunfanti se jintelqu fil-park nazzjonali Gorongosa, wara vjaġġ bl-art ta' 1800km. It-trasport ta' kull iljunfant se jiswa mat-Lm800!







# Miskin it-Teddy Bear!

F'dawn l-aħħar snin donnu li mill-iStati Uniti ħlief aħbarijiet ħżiena għall-annimali m'aħniex naqraw! Issa smajna li l-**orsijiet kannella** (brown bear, grizzly bear) li jgħixu fl-Alaska se jibdew jinqatlu biex jinbiegħu prodotti minnhom, bħal suf, snien, dwiefer eċċ. S'issa l-orsijiet kienu jistgħu jinqatlu biss għall-ikel mir-residenti Indjani tal-post. Imma issa daħħlu dir-regola ġdida. Insomma, il-flus saru jikkmandaw kollox!

Membru ta' Klabb Ħuttaf isib brimba ġdida għal Malta!

# Brimba ġdida...oħra!

Wara li qrajt f'*Il-Ħuttafa* 62 fuq is-sejba ta' brimba ġdida fir-riserva ta' l-Għadira, ġietni kurżità nara nsibx waħda fil-ġnien tad-dar, peress li hemm varjetà ġmielha ta' brimb, insetti u animali żgħar oħrajn. Ma rnexxilix insib waħda bħalha, imma sibt oħra li ma rajtx bħalha qabel. Kienet brimba ta' daqs medju (xi 15mm), b'forma boċċa u griża b'disinn iswed qisu V fuq daharha. Saqajha kienu rqaq b'kuluri kafellatte u kannella jalternaw.

Fittixt fil-ftit materjal li għandi fuq il-brimb ta' Malta, imma ma sibthiex. Għalhekk qallibt l-internet, u sibt stampa ta' brimba jgħidulha Furrow Orbweaver *Larinioides cornutus* li kellha l-istess disinn fuq daharha, u qrajt li din tagħmel għanqbuta kbira ħdejn l-ilma - fil-fatt il-brimba "tiegħi" wkoll kellha għanqbuta daqshiex, u kienet viċin vaska ta' l-ilma!

Staqsejt xi berdwoċers jafux xi ħaġa dwarha, u xi ħadd qalli li għandna speċi tixbaħha ħafna jgħidulha *Larinioides suspicax*, u tani parir nistaqsi lil David Dandria, espert tal-brimb. Dan interessa ruħu ħafna u ġie d-dar jaraha. Peress li sab li kif qaluli tixbaħ ħafna lil *L. suspicax*, b'differenzi rqaq fid-disinn, ħadha miegħu biex jeżaminaha fil-laboratorju. Wara xi ġranet qalli li fil-fatt kienet tassew il-*cornutus*, u qalli wkoll li DIN



Juan Ellul Pirotta

KIENET L-EWWEL SEJBA ta' din l-ispeċi fir-rekords ta' Malta!

Jien fraħt immens, imbagħad komplejt infittex tagħrif fuqha u sibt li dil-brimba hija aktar attiva bil-lejl. Fil-fatt kont innutajt li matul il-jum il-brimba li kelli kienet tqatta' ħafna ħin mistoħbija f'tubu tal-ħarir li taħdem hi stess taħt werqa. Innutajt ukoll li meta jinqabad insett kbir (bħal farfett) fl-għanbuta, tħallih jaħrab, imbagħad toħroġ issewwi t-tqattigħa. Din il-brimba damet fl-istess post mill-inqas xaharejn, sakemm ħadna miegħu s-Sur Dandria.

Inħajjar dawk kollha li tinteressahom in-natura biex iżommu għajnejhom miftuħin, għax bla dubju f'Malta hawn speċi oħra ta' brimb li għadna ma nafux bih.

Juan Ellul Pirotta



Victor Falzon

Il-brimba ħdejn il-moħba tal-ħarir

## KOMPETIZZJONI 64

*Norman Chetcuti*

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | V | M | C | Q | M | L | M | C | T | R | O | L | W | V |
| H | P | E | O | U | Ġ | U | B | B | E | Ż | Ż | A | T | W |
| A | I | P | R | X | D | H | U | I | H | A | Y | N | T | S |
| T | T | K | A | D | B | M | T | X | Z | X | J | Q | G | Z |
| D | E | O | E | R | U | T | B | M | E | U | K | D | L | L |
| Z | A | G | Y | N | E | N | I | J | J | O | Ġ | K | Y | O |
| E | U | N | Q | B | U | L | Q | A | U | Z | B | Z | E | R |
| B | X | A | M | G | L | S | L | F | B | K | A | J | A | G |
| U | R | U | Y | U | L | C | N | E | N | Z | G | R | C | W |
| G | R | C | E | Q | N | C | U | O | D | U | D | X | J | T |
| T | Q | S | L | R | O | S | Z | P | P | R | X | N | Y | B |
| T | J | S | U | Q | B | Y | I | A | I | S | A | H | M | V |
| V | E | C | K | M | H | Q | K | Y | R | D | C | G | S | L |
| A | F | E | L | O | D | O | W | D | J | J | V | I | F | F |
| F | S | E | C | Z | Z | G | S | F | J | V | L | S | X | K |

Sibu 10 għasafar ta' l-għana moħbijin f'din it-taħbila ittri. It-tweġibiet jistgħu jkunu mimdudin, weqfin jew imxattrin, bis-sew jew ta' wara quddiem.

Tqasqsux il-magażin - agħmlu kopja tal-kaxxa bit-tweġibiet u ibagħtuhielna fl-indirizz paġna 2. Jew skenjawha u ibagħtuha imejl lil info@birdlifemalta.org

Min jirbaħ nibagħtulu **sett kartolini tan-natura**.

Ċans għandkom sa **30 Novembru 2004**

| | |
|---|---|
| APPARELL | SPONSUN |
| BUGEDDUM | TAŻŻEBBUĠ |
| BUMUNQAR | TRUMBETTIER |
| EKRU | VERDUN |
| GARDELL | ĠOJJIN |

Ir-rebbieħa ta' Komp 63 hija JAEL AGIUS minn Tas-Sliema. Prosit Jael, il-kartolini daqt ikunu għandek. It-tweġibiet għat-tisliba kienu: 1 Stout infantfish, 2 Sturnell, 3 Buskett, 4 Xifa, 5 Falko, 6 Kannella, 7 Bufula, 8 Sireni, 9 Ċetta.

# tromba@

Servejs ħfief dwar in-natura għal min għandu imejl



**Għasfur tal-bejt** - l-iktar kannella, b'xi tikki u dbabar suwed; imbaċċaċ, saqajh qosra u munqaru oħxon; spiss jinżel fl-art ifittex l-ikel ma' sħabu.



**Bufula sewda** - griża, sewda u bajda; żgħira u misluta, fuq ruħha, spiss iżżomm denbha 'l fuq; tħobb siġar u arbuxxelli bil-weraq, u ma tantx tinżel fl-art.



**Pitirross** - kannella skur, abjad u sider oranġjo (li jista' jidher skur); imbaċċaċ u jħobb joqgħod wieqaf, saqajh twal u rqaq, u rasu kbira; iħobb joqgħod waħdu, u spiss jinżel fl-art ifittex id-dud mill-ħamrija.

Il-mistoqsija ta' did-darba hija din:

**Ġie jżurek xi pitirross fil-ġnien dil-ħarifa?**

Ibgħat għidilna:
1. IVA jew LE
2. F'liema raħal/belt toqgħod?
3. X'jismek u x'kunjomok?

MHUX KULL GĦASFUR LI JINŻILLEK FIL-ĠNIEN HUWA PITIRROSS. Ħafna drabi jkunu għasfur tal-bejt jew anke bufula sewda. Għalhekk jekk tara għasfur għaddej itir sparat taqbadx tgħid li pitirross, għax probabbli ma jkunx.

Biex tkun żgur li pitirross, trid tarah sew u taralu sidru oranġjo, jiġifieri trid tarah wieqaf fuq zokk, fuq ċint jew fl-art (jew fuq il-bird table li jmissu għandek fil-ġardina!).

Il-pitirross tista' tagħrfu anke bla ma tarah, billi tisma' t-tisfira tiegħu. Tisfira komuni tal-pitirross hija tektika qisu xi ħadd qed itektek żewġ muniti flimkien xi sitt darbiet malajr.

Insomma ħudu gost... u ħudu sehem!

L-aħħar darba staqsejniekom **tarawx friefet il-lejl** ħdejn fejn toqogħdu. Dawn huma t-tweġibiet li daħlu.

| post | numru | post | numru |
|---|---|---|---|
| Bormla | 1 | Mosta | 4 |
| Bidnija | 3 | Għajnsielem | 3 |
| San Ġwann | 5 | Sliema | 1 |
| Mosta | 3 | Tal-Virtù | 2 |



Ħadu sehem Bonnie Attard, Julia Padovani, Alain Borg, Kyle Decelis, Nicole Aloisio, Jael Agius, Nicolae Chetcuti.

Grazzi lil **Alison Buttiġieġ** li tieħu ħsieb dir-rokna

Ibgħat it-tweġiba tiegħek lil **tromba@birdlifemalta.org**

## SITTSAQAJN

Matthew Borg Cardona

# il-Farfett tal-Fejġel



il-bajda



il-farfett

Matthew Borg Cardona



ix-xagħat

Il-farfett tal-fejġel (swallowtail - *Papilio machaon* ssp *melitensis*) huwa wieħed mill-ikbar friefet ta' Malta. Għandu kuluri sbieħ ħafna (ara l-faċċata ta' *Il-Huttafa* 62) b'ħafna isfar bl-istrixxi suwed. Fuq il-ġwienaħ ta' wara għandu bħal denb u għalhekk jgħidulu swallowtail. Mhux komuni ħafna u qed jonqos għax il-ħabitat tiegħu qed jinqeridlu. Is-sottospeċi li hawn Malta hija endemika u għalhekk għandna d-dmir li nħarsuha u ma nħalluhiex tinqered. Ix-xagħat ukoll huwa sabiħ ħafna. Għall-ewwel ikun iswed imma wara xi ġimgħa jsir aħdar bi strixxi suwed u tikek ħomor. Bħala difiża x-xagħat għandu glandoli wara rasu li jerħu riħa tinten. Ix-xagħat jgħix u jikber fuq il-fejġel jew fuq il-busbież, u jiekol il-weraq ta' dawn il-pjanti.


**agrett abjad**
david borg 10


**fenek selvaġġ**
luke saydon 8


**vjolin tax-xitwa**
glenn ellul 12


**ngħama**
andy buttiġieġ 8


**russett griż**
gianluca pollacco 8


**ċinju**
chiara brincat 9


**ekidna**
jerome vella 10


**fjamingu**
amanda cassar 10


**għasfur ta' san martin**
luke micallef 10


**faqqiegħ**
david attard 11


**grawwa**
jael agius 11


**orka**
eric fenech sevasta 10


**ballottra**
andrew debono 7

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!**
imma mhux ta' pets jew annimali domestiċi oħra. Tinsewx isimkom, l-età u isem l-annimal jew pjanta

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi

Sean Caruana Webster


Sean Caruana Webster

# Sfinks

Is-Sfinks (jew Sfinġa) kienet kreatura tal-biża', li ntbagħtet fl-art ta' Thebes mill-alla Hera bħala kastig. Kellha ras u sider ta' mara, ġisimha kien ta' ljunessa u kellha wkoll il-ġwienaħ. Missierha kien Tifon u ommha jew Ekidna jew, skond xi rakkonti, Kimera.

Is-Sfinks bdiet tintefa' qrib il-belt ta' Thebes, u ħadet drawwa titterrorizza lil kull min jersaq lejn il-belt. Kull min jitfaċċa, din kienet tistaqsih ħaġa moħġaġa li kienet tgħallmitha mingħand il-Mużi, u min ma jaqtagħhiex kienet taqbeż fuqu u tieklu! Il-mistoqsija kienet: "Liema annimal filgħodu jimxi fuq erba' saqajn, f'nofsinhar jimxi fuq tnejn u filgħaxija jimxi fuq tlieta?" Ħadd ma rnexxielu jaqtagħha, u kulħadd beda jispiċċa pranzu tas-Sfinks! Darba wasal wieħed jismu Oedipus u bħas-soltu s-Sfinks staqsietu l-mistoqsija. Dan fil-pront weġibha: "Ħafifa! It-tweġiba hija: il-bniedem, għax dan jimxi fuq idejh u rkubbtejh fil-bidu ta' ħajtu bħala tarbija, jimxi fuq żewġ saqajn meta jikber, u fuq tlieta meta jixjieħ għax juża l-bastun."

Is-Sfinks tant ħaditha bi kbira li qata' t-tweġiba, li qabżet minn fuq il-blata li kienet toqgħod fuqha u waqgħet fl-abiss. U b'hekk spiċċa t-terrur tas-Sfinks!

# FALKO

**Żgħażagħ BirdLife Malta**



kuċċarda
ritratt ta' Ray Galea

## Ħbieb Falkuni!



Erbatax-il darba, matul il-kamp tal-barranin li sar f'Settembru, rajna tajr protett jinqatel. Tajr bħal kuċċard, bagħdan u isqra. Min minnkom tela' l-Buskett jew il-Girgenti jaf x'qed ngħid.

Kerha kienet, għadha u tibqa' li tara tajra l-ġmiel tagħha tintemmilha ħajjitha ħesrem. U għal xhiex? Darba biss rajna kaċċatur jiġbor it-tajra li qatel - l-oħrajn lanqas biss indenjaw jiġbru l-għasafar li qatlu, u telquhom fejn stabtu mal-ħamrija. Araw ftit x'ħela ta' ħajja! B'tir temmew ħajja, u komplew mixjin qisu ma ġara xejn! X'sens għandu dan?

Flimkien mal-barranin li ġew għar-RaptorCamp li organizzajna bħala Falko, ħdimna kemm stajna biex ngħinu lill-pulizija jaqbdu lil dawn il-qattelin.

Inkomplu naħdmu, bla dubju. U nkomplu ngħallmu u nedukaw, għax b'hekk biss xi darba nsolvu l-problema. Importanti ħafna li kull wieħed minnkom jagħti sehmu biex ngħallmu lil ta' madwarna. Intom li qegħdin taqraw tinsabu privileġġjati għax tirċievu dal-magażin b'tant tagħrif tajjeb. Imma dak li titgħallmu żżommuhx għalikom, imm xandruh l-iskola u fil-klassi, fid-dar u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ. U ejjew l-attivitajiet ħa titgħallmu aktar.

Tgħiduli: Imma kamp ma kienx hemm dis-sena! Għandkom raġun, tant konna magħfusin bil-kamp internazzjonali, li ma leħħaqniex il-kamp tal-Falko tas-soltu. Skużawna. Issa biex inpattu, se nibdew norganizzaw berdwoċing kull nhar ta' Sibt!

justin

**Justin Vassallo**
ko-ordinatur Falko

### Ġedded il-miżata onlajn

Kont taf li tista' ġġedded il-miżata tiegħek fil-Klabb u fil-Falko mill-internet? Iffranka l-envelope, il-bolla, il-posta u l-ħin, u mur **www.birdlifemalta.org**, ikklikkja **join now**, ikklikkja **Membership Renewal** u imla d-dettalji fil-formola li titfaċċa. Biex tħallas b'dal-mod trid tintuża credit card.

**7 novembru 2004**

attività 13+

### Daqqa t'id fil-foresta



Victor Falzon

Se mmorru filgħodu nagħtu daqqa t'id fil-Foresta 2000. Ray Vella, ir-ranger tal-proġett, għandu biċċtejn xogħol sbieħ lesti għalina. Wara mmorru nagħmlu barbikju l-Għadira, u jekk tkun sħana forsi ninżlu ngħumu wkoll. Nispiċċaw xi 4pm. Min hu interessat iċempel lil BirdLife fuq **21347646** jew jibgħat imejl lil **jv@birdlifemalta.org**

**19 novembru 2004**

attività 13+

### Mixja bil-lejl

Niltaqgħu s-Saqqajja fit-8pm, u nibdew mixjin. Ir-rotta għadha mhix deċiża, imma fi ħniex se nimxu fit-tul xi 1.5hr kollox - jigifieri ħadd m'għandu għalfejn jaqta' qalbu :) Fejn naslu, nitilgħu t-tined u norqdu. Filgħodu nagħmlu ftit seawatching. Min hu interessat iċempel lill-BirdLife (sas-17th), biex inkunu ċerti li se jkollna biżżejjed tined.

**Kull nhar ta' Sibt**

attività 13+

### Berdwoċing



Victor Falzon

Se nibdew niltaqgħu kull nhar ta' Sibt f'xi 6am f'Bieb il-Belt u mmorru berdwoċing fl-inħawi tal-brejkwoter. Min hu interessat iċempel lil Carl fuq **99832213** jew jibgħat imejl lil **cc@birdlifemalta.org** Jekk inkunu biżżejjed nies, norganizzaw trasport bil-minivan!




Lm2.05

# Trid berdwoċer?

Tajjeb! Għax għadna kemm ħriġna ktieb ġdid għalik...

- bil-Malti, miktub **għat-tfal**
- jittratta **100 għasfur**
- kull għasfur impitter **bil-kulur**
- kull għasfur **impitter kbir**
- **tagħrif** fuq kull għasfur
- pariri fuq **kif tagħrafhom**
- fih **60** paġna
- **bil-kulur** minn qoxra sa qoxra

Il-ktieb qiegħed għall-bejgħ mill-Għadira, mis-Simar jew mill-uffiċċju tal-BirdLife f'Ta' Xbiex
Biex tordnawh bil-posta ċemplu **21347646** (Mon-Fri 9am-1pm) jew ibagħtu imejl lil **office@birdlifemalta.org**

# Ħarġa Selmun

L-inħawi ta' Selmun u l-iMġiebaħ huma sbieħ u għall-beraħ, u l-kampanja għadha kwieta u mhix mibnija. Hemm diversi ambjenti bħal xagħri, bosk, wied bil-qasab, art maħduma, art mitluqa eċċ. Insomma, aħna ddeċidejna li mmorru passiġġata f'dawk in-naħat biex ingawdu n-natura u naraw narawx xi ftit għasafar interessanti. Tiġu magħna?

Jekk iva, hawn huma d-dettalji...

Dan **buċaqq tax-xitwa** - probabbli dakinhar narawh u nisimgħuh!

Data: **il-Ħadd 28 Nov 2004**
Niltaqgħu: **ħdejn il-kappella ta' Selmun**
Ħin: **9am**
Nispiċċaw: **xi nofsinhar**
Età: **kulħadd merħba!**



L-istampa tal-buċaqq meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna* (fil-ktieb qiegħda bil-kulur!)

**pawċijiet**
tad-drapp
bi stampa
ta' venew itir.
3 kuluri - isfar,
roża u lilà.
Issibuhom
mill-Għadira,
mis-Simar
jew ċempel lill-BirdLife






# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## lulju

F'Lulju bdiet tinħass l-ewwel ċaqliqa tal-passa tal-ħarifa. Deher l-ewwel **kwakk** u xi żewġ **irsieset griżi**, kif ukoll xi **daqquqa tat-toppu**, **tajr isfar** u **gamiem**. Max-xatt u fir-riservi tfaċċa l-**għasfur ta' San Martin**. Bħas-soltu, kellna rekords ta' xi erba' **pitirrossi** u numru żgħir ħafna ta' għasafar ta' l-għana, speċjalment **sponsuni**.

Fil-Buskett bejtu par **żanżarell tat-tikek** u anke par **ħuttaf**. Reġa' bejjet ukoll il-**gamiem tal-kullar**, fl-istess inħawi tas-sena l-oħra. Il-**gallozz iswed** bejjet f'post ġdid f'Għawdex. Fl-Għadira kien hemm il-frieħ tal-**monakella**, u fis-Simar spikkaw il-bejtiet tal-**bufula tal-qasab**. Fil-lista qasira ta' għasafar li dehru barra minn żmienhom spikkaw **vjolin tax-xitwa** u żewġ **kuluverti tas-salib**.

F'postijiet bħas-Salina eċċ waqfu jistrieħu u jnaqqu d-dud xi għasafar tal-plajja. Mal-**pispisella** u mas-**swejda ċara**, il-**fras-servjent** u l-**pispisella tad-dabra**, kien hemm min ra oħrajn iktar rari, bħall-**girwiel prim** u l-**monakella żgħira**.

Il-**bies tar-reġina** kien l-uniku tajra tal-priża li dehret.

## awwissu

Fl-eqqel tas-sajf bdew jidhru l-ewwel tajr tal-priża. Mal-**bies tar-reġina** deher l-ewwel **kuċċard** u **bagħdan aħmar**. Dawn żdiedu fl-aħħar ġimgħa tax-xahar. Kellna ftit rekords ta' **ċikonji bojod** u **ċikonji suwed**, **vellerani** u **astun iswed**. Passew ftit **irsieset griżi** u numru sabiħ ta' **kwakk**. Dehru wkoll xi qtajja' **qerd in-naħal**, u max-xtut żdiedu l-għasafar tal-plajja, fosthom il-**gallina tal-baħar**, **fras-servjent**, **gurlin**, **girwiel** u anke **girwiel nordiku**. F'inħawi miftuħin tfaċċat il-**kuda**. Il-**bufula passajra** kompliet tidher u ġew ukoll xi ftit **sofor**. Fil-widien instemgħu l-ewwel **rożinjoli**.



kuda

L-ismijiet ta' l-għasafar qegħdin skond iċ-ċeklist riveduta li ħarġet il-BirdLife dan l-aħħar. Għal kopja tal-ktejjeb ċempel **21347646** jew ikteb lil **office@birdlifemalta.org**

Did-darba flok ittra għandna poeżija li bagħtitilna **Joanne Vella**, membru ta' 13-il sena mill-Mellieħa. Il-poeżija għandna x'taqsam ma' dik l-aħbar fejn kaċċatur kien qatel dawk il-paletti. Qed inġibu l-poeżija bl-Ingliż, kif kitbitha Joanne...




**www.birdlifemalta.org**

# Xagħat strixxat!



## Għandek bżonn

bott tond b'għatu (bħal tal-Pringles) • karta twila daqs il-bott u wiesgħa biżżejjed biex iddur miegħu • kuluri differenti ta' pannu jew drapp oħxon ieħor • 2 blalen tat-tajjar • pipe cleaner • roll tat-tojlit pejper • kolla bajda • mqass • żebgħa

## Kif tagħmel

1 Dellek barra tal-bott bil-kolla u iksih bil-karta.
2 Aqta' strixxi drapp u dawwarhom mal-bott.
3 Dellek l-istrixxi bil-kolla u waħħalhom fuq il-karta.
4 WIĊĊ: Aqta' ċirku tal-karti u iksi l-qiegħ tal-bott bih Għall-għajnejn, waħħal 2 blalen tat-tajjar u mid-drapp aqta' 2 ħabbiet u 2 ħuġbejn. Aqta' wkoll ħalq u mnieħer u waħħalhom (ara l-istampa).
5 ANTENNI: Taqqab 2 toqbiet fil-parti ta' fuq tar-ras. Daħħal tarf ta' pipe cleaner f'waħda mit-toqob, imbuttaha u iġbidha mit-toqba l-oħra sakemm iż-żewġ truf jiġu ndaqs. Innukklahom fit-tarf.
6 SAQAJN: Mir-roll, aqta' 3 ċrieki wesgħin xi 2.5ċm. Aqta' kull ċirku min-nofs u iżbgħu. Meta jinxef, waħħlu mal-ġisem tax-xagħat ħdejn ir-ras b'mod li n-naħa l-oħra tinnokkla 'l barra - din hija sieq waħda. Waħħal sieq oħra bħalha n-naħa l-oħra tal-bott, u waħħal l-4 saqajn l-oħra (tista' tagħmel iżjed b'aktar rollijiet).
7 Meta kollox jinxef sew, tista' tneħħi l-għatu tal-bott u terfa' fih li trid - lasktijiet tax-xagħar, bolol użati, ħwejjeġ żgħar tal-pupa eċċ.

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **10 punti fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ____________________
indirizz ____________________
____________________ postcode ________
data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________
liema skola jattendi ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ____________________
indirizz ____________________
____________________ postcode ________
membership number ________ telefon ________ imejl ________
liema skola tattendi ____________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12.**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

karta riċiklata

# SPOT THE DIFFERENCE COMPETITION

## There are 6 differences for you to find!










### FUN PACKED FOR THIRSTY KIDS ON THE GO

Ready to drink RIBENA that's bursting with Vitamin C goodness
No artificial Colour, Flavour or Sweetener

Xarba tajba u sustanzjuża hi b'togħma tal-blackcurrant hi r-RIBENA. Minħabba li l-ġisem ma jipproduċix Vitamina C, għandna bżonn insibu sorsi differenti ta' din il-vitamina, li hi tant bżonjuża għalina lkoll.

ISEM: ____________________

INDIRIZZ: ____________________

____________________

Immarka d-differenzi u ibgħat il-paġna lil Kompetizzjoni Ribena, Simonds Farsons Cisk plc. Notabile Road, Mrieħel BKR 01

**Ribena fiha tliet darbiet aktar Vitamina C mil-laring!**